**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum il-Gimgha 13 ta' Marzu 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud **Assistent Kummissarju Ian Abdilla** iben Carmelo u Josephine nee` Galea mwieled Il-Pieta` u residenti z-Zurrieq, bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sur Abdilla, mela kemm ilek fil-Korp tal-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Iva jiena wara li gradwajt minn l-universita` bhala accountant, dhalt fil-Korp tal-Pulizija f' Dicembru 2001.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
2001

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
U r-rank tieghek kienet?

***Ix-Xhud :***
Dhalt bhala Spettur, Sinjura, fit-2001; u sussegwentement gejt pomoss ghal Supretendent, u mbaghad sussegwentement ghal Assistent Kummissarju.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Voldieri inti gradwat fl-accountancy.

***Ix-Xhud :***
Iva jiena accountant minn l-universita` ta' Malta. Ghamilt sena nahdem ma' bank privat u mbaghad wara nghaqqadt mal-Korp tal-Pulizija.

***Imhallef A Lofaro :***
U f' liema units kont?

***Ix-Xhud :***
Jiena dejjem kont l-Economic Crimes, Sinjura.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dejjem fl-Economic Crimes kont.

***Ix-Xhud :***
Iva iva

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Illum Assistent Kummissarju. Voldieri minn Supretendent mort Assistent imbaghad?

***Ix-Xhud :***
Iva; jiena round about September jekk minhiex sejjer zball 2015 gejt promoss ghal Supretendent, wara li ovvjament hargu l-calls for applications, u imbaghad f' Lulju jekk minhiex sejjer zball, f' Lulju tat-2018.. iva 18, gejt promoss ghal Assistent Kummissarju.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal Assistent Kummissarju. Li hija l-kariga li ghadek tokkupa sal-lum.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
U dejjem fl-istess unit bqajt.

***Ix-Xhud :***
Iva iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal dawk li huma rizorsi, l-ECU x' ghandha?

***Ix-Xhud :***
Mela fil-prezent l-Economic Crimes ghandha qeghdin roughly sittin (60) persuna; bazikament qieghed jiena u Supretendent in charge..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Li hu …?

***Ix-Xhud :***
Is-Supretendent Antonovich Muscat; ghaliex is-Supretendent Raymond Aquilina ftit ta' granet ilu irtira mill-Korp tal-Pulizija bil-pensjoni.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
He did? Ehe?

***Ix-Xhud :***
Ghandi seba' spetturi l-Economic Crimes, qed jaghmlu xoghol ta' Economic Crimes, u erba' Spetturi jahdmu money laundering. Illum il-gurnata bir-riforma li bdiet issehh fit-2016 ma ghadniex nissejhu Economic Crimes, giet Financial Crimes Investigations Department fejn fih inqasssmu zewg units - l-Economic Crimes Squad ghaliha u l-Anti Money Laundering Squad ghaliha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` dejjem taht il- ..

***Ix-Xhud :***
Taht il-kappa tieghi.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Taht il-kappa tieghek.

***Ix-Xhud :***
Iva. Jiena in charge miz-zewg skwadri Sur Imhallef. Dawn il-hdax-il (11) Spettur qeghdin jassistuhom madwar erbghin (40) ufficjal tal-Pulizija. Illum il-gurnata wkoll ghandna zewg analisti pajzana li jaghmlu xoghol ta' financial analyses, u fil-futur din is-sena ha nzidu dawn in-numru ta' analisti. Ghandna wkoll unit zghir li jiehu hsieb blog chain analysts. Dik l-istruttura kif qeghdin illum. Il-pjan hu li nizdiedu hafna iktar, jigifieri mil-lum, partikolarment mill-lum todate 13$^{th}$ March gew assenjati mieghi disa' (9) ufficjali ohra li bdew il-kors ta' Spettur ricentement bil-ghan li dawn id-9 ikunu meta jigradwaw bhala-.. meta jispiccaw il-kors, ta' spetturi, jaghmlu x-xoghol ta' .. xoghol relatat mad-Dipartiment tieghi. Il-pjan hu li tmienja (8) minnhom jaghmlu xoghol ta' money laundering minhabba l-htiega u nuqqas ta' certu rizorsi li hemm hemmhekk. U wiehed ikun l-Economic Crimes.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dawn is-Supretendent u l-ispetturi ghandhom tahrig specjali ghal dak li huwa accountancy jew inkellha x' ghandhom ifittxu f' dan ir-rwol taghhom ta' spetturi fil-Financial Unit?

***Ix-Xhud :***
Mela llum il-gurnata, Sur Imhallef, sa ftit tal-granet ilu – sa ftit tax-xhur ilu l-ghazla dwar staff li jkun hemm f' Dipartiment partikolari tal-Pulizija dejjem waqghet f' idejn il-Kummissarju tal-Pulizija, ikun min ikun. Ovvjament dejjem tkun skont l-abbiltajiet li bniedem ikollu fejn il-Kummissarju tal-Pulizija jahseb li persuna tista' taghti l-ahjar servizz skont il-kwalitajiet u l-kwalifici li ghandu. U iktar ma jghaddi zmien iktar dejjem naghtu importanza lill-qualifications li ghandhom in-nies. Is-sena l-ohra l-Money Laundering Unit 20 persuna inghatat diploma level training in Money Laundering and Terrorist Financing. Jigifieri llum il-gurnata in-nies kollha tal-money laundering ghandhom diploma level certification f' dak li ghandu x' jaqsam money laundering and terrorist financing' dan il-kors il-hsieb hu li nestenduh ghal kumplament ta' l-iskwadra halli jkollna dak il-basic knowledge and training ta' kulhadd. Biss, l-ispetturi kollha, anke biex tapplika ghal spettur, kollha jrid ikollhom xi forma ta' degree f' xi suggett. Mieghi ghandi nies li waslu biex jghalqu l-ACCA; dawn il-grupp ta' nies, dawn il-grupp ta' nies li tani.. li gew trasferiti mieghi ha jidbew illum  hemm min ghandu masters in organized criminality, ghandi avukati, jigifieri..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandek avukati mieghek?

***Ix-Xhud :***
Ghandi avukati mieghi wkoll iva. Hemm bhal issa nahseb li hemm xi tlieta jew erbgha li ghandhom ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Li ghandhom degree fil-ligi.

***Ix-Xhud :***
Li ghandhom degree..

***Imhallef A Lofaro :***
Issa inti tlabt ghal dawn ir-rizorsi jew ..

***Ix-Xhud :***
Ma' fhimtikx Sinjura.

***Imhallef A Lofaro :***
Tlabt ghal dawn ir-rizorsi umani?

***Ix-Xhud :***
Iva dejjem. Bhala parti mill-pjan ta' l-HR plan tal-Korp tal-Pulizija ahna dejjem nintalbu x' rizorsi ghandna bzonn kull sena ghas-sena ta' wara. U kif spjegajt fit-2016 jiena kont intlabt anke naghmel a reform plan ghal Economic Crimes u din ir-reform plan kien gie maqbul u qed nimxu fuqu biex jigi attwat, fost limiting factor li kellhna sa ftit ta'- …, limiting factor li kellna kien limited space ta' ufficini li ahna ghandna fil-Police Headquarters. Din il-problema wkoll sorvolejniha ghaliex iktar tard ix-xahar id-diehel l-iskwadra ser ticcaqlaq f' building speccjalizzat li ser ikollna proprju ghalina li ha jkun jista' jakkomoda sa massimu ta' mija u ghoxrin (120) persuna li ha jkunu jahdmu biss fuq dan ix-xoghol.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dan l-bini f' dawk l-ambjenti stess tal-Headquarters jew barra?

***Ix-Xhud :***
No no. Dan ser ikun barra mill-Police Headquarters. B' facilitajiet moderni, parking, interrogation room, facilities, facilities ta' analizi u affarijiet, facilities ta' training…

***Imhallef A Lofaro :***
Per ezempju l-Homicide Squad tal-Pulizija wkoll ghandna problema ta' rizorsi.

***Ix-Xhud :***
Sinjura, fir-realta` nahseb li kull police force fid-dinja ghandha problemi ta' rizorsi ..

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` ma tantx jidhru li huma attrezzati bhalkom.

***Ix-Xhud :***
Ma nistax nikkummenta ghax ma taqax tahti Sinjura jigifieri. Imma ovvjament jiena li anke nattendi certu seminars barra minn Malta, il-problema ta' rizorsi f' dak li ghandu x' jaqsam ma' policing fid-dinja hija.. specjalment fl-Ewropa, hija kbira kullimkien. Id-demands fuq Korpi tal-Pulizija dejjem jizdiedu, jigifieri bhal ma tista' timmagina affarijiet bhal terrorizmu, li qabel forsi ma konniex intugh daqshekk importanza fid-dinja mill-grajjiet li graw minn September $11^{th}$, hadet center stage issues, bhal immigrazzjoni, li forsi qabel ma kellniex, illum irridu ntughha l-impotanza. jigifieri il-crimes..

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` fis-settur tieghek jidher li mhux hazin; qeghfin attrazzati mhux hazin.

***Ix-Xhud :***
Hemm pjan Sinjura. Fis-settur tieghi jigifieri kif ghedt u spjegajt, fit-2016 jiena ntlabt u ghamilt pjan. Dak il-pjan gie rivedut anke bhala parti mill-Moneyval recommendations ghaliex dak il-pjan ma kienx ambizzjuz izzejjed u nahseb li l-pjan rivedut wara l-Moneyval huwa ambizzjuz hafna, jigifieri l-pjant il-gdid li biss biss minn money laundering unit, minn l-erba’ persuni li ghandi bhhal issa, erba’ investigaturi, irid jitla’ ghal tnejn u ghoxrin (22) investigatur. Dak ifisser kwazi one sixth (1/6) ta’ l-investigative work force tal-Korp tal-Pulizija kollu jigifieri.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fit-2013 x’ kien il-compliment?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghidilna bejn it-2013 u t-2016 x’ kien il-compliment u kif ….u ma .., 2013 sa 2016

***Ix-Xhud :***
Mela bl-amment hekk qbadtuni ftit fuq sieq wahda. Fit-2013 jiena kont ghadni spettur hemmhekk;

***Imhallef A Lofaro :***
Mela kemm kontu spetturi?

***Ix-Xhud :***
Ehe qed nipprova niftakar naqra Sinjura, ghax ma rridx nizgwida l-Qorti. Jekk minhiex sejjer zball dak iz-zmien konna roughly xi sitta (6) jew seba’ (7) septturi Economic Crimes, u spettur wiehed money laundering. Ma nafx jekk hux wiehed jew tnejn. Halli ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Min kienu dawn tal-money laundering?

***Ix-Xhud :***
Money laundering kien hemm at one point kien hemm l-ispettur li dak imbaghad wara lahaq Supretendent Paul Vassallo; imma id-dates ezatt meta lahaq min u kif nibza li ser nizgwida din l-inkjesta Sur Imhallef. Ghax at one point imbaghad kien hemm is-Sur Antonovich Muscat, gie s-Sur Raymond Aquilina. Fit-2016 kien hemm hafna caqlieq jigifieri..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bejn it-2013 u it-2016

***Ix-Xhud :***
2013 ehe .

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghal fit-2016 gara xi haga ghax ovvjament iccaqalqet il-Unit, tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Saru zviluppi li huma tajbin.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghidilna x' kien il-compliment u jekk kienx hemm dak iz-zmien nuqqas jew le; mit-2013 sa 2016.

***Ix-Xhud :***
Ara, li nista' nghid dan huwa wiehed mill-ikbar compliments li qatt kien hemm bhal issa jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Issa imma!

***Ix-Xhud :***
..fit-2013. 2013 jekk minhiex sejjer zball dak kien, jigifieri kellna sitta (6) jew sebgha (7) Economic Crimes, u tnejn, ha nghid zgur tnejn (2) money laundering bin-nies taghhom; imma mhux kulhadd kellu l-full compliment. Ahna l-full compliment ta' ufficjal investigattiv suppost ikun spettur, surgent u zewg kunstistabbli. Jigifieri mela jekk qed nitkellmu fuq sitta - seba' Economic Crimes u tnejn money laundering jigifieri disgha (9). 9 times 4 jigu 36. Jigifieri l-massimu li teknikament ikollu.. ;

***Imhallef J Said Pullicino :***
U kemm kontu?

***Ix-Xhud :***
Nemmen li konna hafna inqas jigifieri nahseb ..

***Imhallef A Lofaro :***
In-nofs? Kemm? In-nofs?

***Ix-Xhud :***
Le nahseb li konna xi haga ‘l fuq minn 25 – 26, dak it-tip. Imma qieghed bil-gurament Sinjura, minhiex

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna qed insaqsuk dawn id-domandi ghaliex ..

***Ix-Xhud :***
… jigifieri dejjem u ghadna sal-lum ta’ jigifieri, id-demands li hemm fuqna, li anke jekk taraw statistika li qed jippubblika l-Korp tal-Pulizija kull sena, waqt li f’ certu setturi r-reati qeghdin jonqsu, ahna konstentament qeghdin ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jikbru.

***Ix-Xhud :***
… qeghdin fis-settur taghna qeghdin nizdiedu jigifieri, u llum ..

***Imhallef A Lofaro :***
U jsiru iktar dejjem sofistikati, mhux hekk?.

***Ix-Xhud :***
Illum iva. Illum ghandna x-shift jigifieri. Illum Sinjura, anke jien stess li bdejt fil-unit u ma ccaqlaqtx minn hemm minn 2001 meta dhalt, ukoll certu xoghol li qatt ma konna noholmu bih meta dhalna, illum kellna ngibu expertise tieghu; jigifieri bhalma nghidu hacking, attakki fuq banek

***Imhallef A Lofaro :***
Tahtru esperti per ezempju?

***Ix-Xhud :***
Iva ta’, meta jkun hemm bzonn nahtru Sinjura ..

***Imhallef A Lofaro :***
On a case by case bases?

***Ix-Xhud :***
On a case by case bases. U hafna drabi, bhal ma taf inti, ghax inti kont ukoll fil-bank tal-Magistratura ..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva, da zgur li naf!

***Ix-Xhud :***
Hafna drabi meta jkollna bzonn esperti dejjem imorru through magisterial inquiry ghaliex …

***Imhallef A Lofaro :***
Magistrat inkwerenti yes.

***Ix-Xhud :***
Ghaliex ovvjament certu expertise huma limitati, u l-problema taghna f' pajjiz zghir fejn ghandek expertise limitat dejjem bzajna ahna fil-linja taghna li jekk inqabbdu certu nies bl-expertise taghhom parte civile ex parte police work ikollna problema li ghadha pitghada jekk ikollna bzonn immorru l-qorti ma nsibux persuni li tista' tirreplikalna dak ix-xoghol bhala espert tal-qorti u allura ..

***Imhallef A Lofaro :***
Allura tuzaw barranin.

***Ix-Xhud :***
We play safe li hafna drabi we prefer to go to a magisterial inquiry halli espert u l-konkluzjonijiet ta' espert inkunu nistghu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe, u dawn ikun per ezempju ta' Scotland Yard ?

***Ix-Xhud :***
Jiddependi ta' Sinjura jigifieri.

***Imhallef A Lofaro :***
Skont il-kaz.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri anzi , anzi onestament nahseb ftit huma dawk il-kazijiet fejn esperti inhattru minn xi police forces; jigifieri meta kellna bzonn ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le bil-Magistrat qed nghid.

***Ix-Xhud :***
Ehe. Meta kellna bzonn esperti teknici hafna jew forensic accountants dejjem inhatru forensic accountants mhux within police forces. Jigifieri jew jinhatar..

***Imhallef A Lofaro :***
I see; private firms.

***Ix-Xhud :***
Jinhatru firms skont il-Big 4, u dak iz-zmien kienu anke l-Big 5, jew anke esperti barranin jigifieri. Bhal issa ghandna numru ta' esperti barranin li qed jassistuna f' investigazzjonijiet u inkjesti varji

***Imhallef A Lofaro :***
U inkjesti, ehe.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fit-2013 min kien responsabbli ghal din il-unit?

***Ix-Xhud :***
Pardon?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fit-2013 min kien responsabbli ghal din il-unit?

***Ix-Xhud :***
Mela fit-2013, beda t-2013 qabel ic-change of government is-Sur Michael Cassar. Fit-2013 kellna ic-change of legislature. Imbaghad is-Sur Michael Cassar kien immuvja ghal Secret Service.

***Imhallef A Lofaro :***
Yes.

***Ix-Xhud :***
Minn floku kien gie Dr Antoine Casha dak iz-zmien. Supretendent ghal perjodu twil kien hemm is-Supretendent Paul Vassallo. Ma nafx, nahseb li fit-2013 is-Supretendent in charge kien is-Supretendent Paul Vassallo. Ghax jien hadt over mis-Supretendent..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti hadt over mis-Supretendent Paul Vassallo ..

***Ix-Xhud :***
…Paul Vassallo.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…u meta hadt over?

***Ix-Xhud :***
Meta hadt over, ghal perjodu ta' snin, ghal perjodu ta' xhur roughly lejn it two thousand and …. ghal perjodu ta'.. ghal ammont ta' snin kien baqa' Dr Antoine Casha. At one point ghamilna zmien minghajr assistent Kummissarju. Ghax hu kien immuvja. Kien iggonja l-qorti, kien telaq mill-Korp tal-Pulizija, illum rega gie instated u at one point konna naqghu direttament taht l-AC tas-CID. Ghaliex ghamilna perjodu li l-ACs anke ta' Drug Squad, ma kienx hemm AC Drug Squad, allura ghamilna perjodu ta' xi sena - sena u nofs, imma I stand to be corrected fuq id-dates Sur Imhallef, ma rridx nizgwida l-Qorti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn kien AC CID dak iz-zmien?

***Ix-Xhud :***
Mela dak iz-zmien l-AC CID kien is-Sur Silvio Valletta. Jigifieri dak iz-zmien ahna konna-.., dan iz-zmien kien hemm jiena Supretendent in charge minn l-Economic Crimes, is-Sur Dennis Theuma wkoll Supretendent in charge mid-Drug Squad, u s-Sur Valletta kien in charge.., ma kellux Supretendent is-CID allura qisna zammejna li jiena niehu hiseb l-Economic Crimes, is-Sur Dennis Theuma d-Drug Squad u s-Sur Valletta s-CID, imma nirrapportaw ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri Economic Crimes kont inti wara Dr ..

***Ix-Xhud :***
Ehe bhala Supretendent, imma nirrapporta lejn l-AC CID. Ghax imbaghad iktar ma ghadda fil-perjodu mbaghad is-Sur Valletta u jiena kont ghadni Supretendent, kien lahaq Deputat Kummissarju; imbaghad sussegwentement il-post tas-Sur Valletta kien hadu l-Assistent Kummissarju Kevin Farrugia. Allura hekk gejna streamed lined jigifieri t-tliet skwadri kellhom Assistent Kummissarju u dejjem nirrapportaw lis-Sur Silvio Valletta dak iz-zmien.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U inti meta kont Economic Crimes kemm kellek nies tahtek? Semplicement f' dik is-section ta' dik il-unit.

***Ix-Xhud :***
Ehe kjif ghedtlek Sur Imahllef, jiena dejjem wahda mix-xoghol tieghi hu bhal anke bhala Head hemmhekk dejjem nipprova nitkarrab jigifieri ghan-nies ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva imma kemm kellek?

***Ix-Xhud :***
Ghaliex dejjem jinbidel ma' tul ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma kemm kellek tahtek?

***Ix-Xhud :***
Ma' tul ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kemm kellek?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri ..

***Ix-Xhud :***
Jekk tippermettuli. Ma' tul is-snin, ma' tul hekk, jekk tghidli kemm kelli, kelli fit-12th May jew fit-2016 mod ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le le..

***Ix-Xhud :***
Ghaliex as we went along dejjem ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta bdejt kemm kellek?

***Ix-Xhud :***
Meta bdejt kelli- .. meta bdejt kellna ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dik il-unit biss ta' l- Economic Crimes

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Tieghek biss; tahtek biss.

***Ix-Xhud :***
Meta bdejt kellna xi hdax-il (11) spettur nahseb. Ghax imbaghad meta bdejt jien, is-Sur Michael Cassar ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela meta bdejt inti?

***Ix-Xhud :***
Jiena bdejt, jiena bdejt fit-2015 Supretendent..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U kemm kellek tahtek?

***Ix-Xhud :***
…dak iz-zmien il-Kummissarju kien is-Sur Michael Cassar. Is-Sur Michael Cassar kien ibbijfjana hafna lilna. Jigifieri imma l-issue hi ma nafx ezatt in-nies meta gew, jigifieri imma ..

***Ix-Xhud :***
Ma jimpurtax. Meta bdjet kemm kellek nies li inti kont tikkoordina? Jiena nkun naf kemm ghandi nies nikkoordina.

***Ix-Xhud :***
Imma …

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Anke jekk jiccaqalqu jew jizdiedu!

***Ix-Xhud :***
Imma ehe. L-issue li jkollok tlieta - erbgha; u hemm issue li jkollok daqqa 27 daqqa 30, daqqa .. ,..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fil-fatt nahseb illi meta bdejt inti kien hemm ebgha (4).

***Ix-Xhud :***
Kien hemm iva. Kien hemm ..; le mhux spetturi. Spetturi kien hemm …

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta ghedtilna fit-2013 kien hemm 6 - 7 spetturi, nasheb illi hemm cans li kont daqsxejn laxk izzejjed b’ 6 - 7?

***Ix-Xhud :***
Le ta; le le le

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela kemm kien hemm?

***Ix-Xhud :***
Kien hemm.., nghidlek kien hemm around about 10; bejn Economic Crimes u money laundering. Ghax inti ftarak li ahna ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri inti kont responsabbli minn ghaxar spetturi meta bdejt?

***Ix-Xhud :***
Nahseb roughly minn bejn 10, 9. Ghax tant..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta inti kont ghadek spettur, jigifieri qabel it-2015, bejn it-2013 u 2015 kemm kontu bhala kollegi?

***Ix-Xhud :***
L-istess, ghax tant per ezempju at one point telaq is-Sur ..; jekk, on.. ghax ma nixtieqx nizgwida l-Qorti…

***Imhallef A Lofaro :***
Prova ftakar ..

***Ix-Xhud :***
Ma rridx inkun difficli.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Halli nipprova nghinek ..

***Ix-Xhud :***
…tal-Pulizija tant ikollna changes jigifieri..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha naghmillek id-domanda…

***Ix-Xhud :***
… anke jekk tghidli din is-sena kemm ghandek nies! Ukoll mill-bidu tas-sena inbdilna; telqu tlieta, gew tnejn, gew …, jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha naghmillek domanda iktar semplici. Hawnhekk gew shabek ..

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qalulna li dak iz-zmien kontu under staff; ma stajtux tahdmu u kien difficli biex tmexxu ..

***Ix-Xhud :***
Iva; ghadna s' issa under staff Sur Imhallef.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda hija din…..

***Ix-Xhud :***
Skuzani.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna rridu naslu ghal x' kienet is-sitwazzjoni dak iz-zmien. Ghax ahna ghandna rapport ta' l-Ewropa jghidu li kienet sfaxxata, ma tezistix, qisa mhix hemm din il-unit. Tajjeb? U mbaghad sar li sar, u ghamlu sew li sar li sar wara 2016; u ghandna issa lilek li qed tghid li inti ma kellekx nies imma kont timxi insomma. Imma x' kienet il-verita`? Inti kont responsabbli jigifieri? Biex tittiehed decizjoni inti kont tehodha d-decizjoni?

***Ix-Xhud :***
Le jiena kont il-Head of Department hemmhekk, jigifieri ..

***Ix-Xhud :***
Il-Head of Department min kien? Ghax issa tielghin 'il fuq issa.

***Ix-Xhud :***
Le jiena kont Supretendent in charge. Jigifieri the day-to-day running and operations of the unit kont niehu hsiebhom jien. Staffing kien dejjem f' idejn il-Kummissarju tal-Pulizija li jibghat. Ahna d-dover taghna u r-rwol taghna kien li meta perijodikament konna nintalbu biex ninghataw bzonn ghan-nies jiena kont dejjem naghmel it-talba tieghi skont.., qabel ghamilna rapport skont dak li kont nahsem li kien l-ahjar, wara li ghamilna r-rapport fit-2016 kien iktar rapport strutturat u allura kelli iktar fuq xiex immexxi. Jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri nistghu nghidu li dak iz-zmien 2013 - 2016 inti kont f' pozizzjoni li tahdem b' li kellek? Apparti li jonqsok u ma jonqsokx, imma kont tahdem b' li kellek jew le?

***Ix-Xhud :***

Jiena fit-2013 Sur Imhallef kont spettur, dejjem batejna bin-nies. Ahna l-Economic Crimes dejjem batejna bin-nies. Jigifieri jiena niftakar at one point konna sitta u wiehed. Id-demands fuqna dejjem kienu kbar, specjalment meta kien ikollna dawn il-kazijiet li kien ikollhom a political colouring, a political ..

***Imhallef J Said Pullicino :***

Ikollok minn dawn jigifieri

***Ix-Xhud :***

Ikollna hafna jigifieri. U minn meta minn dejjem, jigifieri jekk inbena l-isptar il-gdid kellna tlieta, erbgha, hamsa; jigifieri u meta jkollok dawn it-tip il-pressures ikunu hemm, jigifieri u x-xoghol jakkumula. U meta jitlaqlek spettur trid tqassam ix-xoghol fuq spetturi ohra. Jigifieri u ghalhekk, bla ebda disrispett lejn il-Qorti ta', Sinjuri. Ahna anke tghidli din is-sena kemm ghandek; jiena ha nsaqsik din is-sena ghal liema gurnata qed tirreferi? Ghaliex ahna tant jinbidlu. Jiena din is-sena ccaqalquli zewg spetturi, ziduli tliet spetturi. Jigifieri ahna ma ahniex.., ahna l-unit taghna, u kull unit fil-Korp tal-Pulizija, li tghidli fit-2013 kemm kont, mhux ghandek ufficcju zghir ta' few u qeghdin sitta! Jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***

Ghidilna x' tiftakar inti, tajjeb hekk? Ghax inkella mhux ser immexxu ta.

***Ix-Xhud :***

Ara llum il-gurnata Sinjura konna li qeghdin l-iktar, jigifieri sixty (60) people ahna l-iktar li qatt konna fil-..

***Dr Therese Comodini Cachia :***

…..60 people? ….ta.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Sorry ftit, qed niddiskuti 2013 - 2016. Ghax din l-inkjesta fuq hekk qieghda, tajjeb?

***Ix-Xhud :***

Hekk hu. Mela kellna ..

***Imhallef J Said Pullicino :***

L-inkjesta qieghda halli ..

***Imhallef A Lofaro :***

Dak iz-zmien kemm kontu, fi 3 year period..

***Ix-Xhud :***
Jiena bejn wiehed u iehor nahseb li konna roughly hames – ghaxar spetturi u bil-Pulizija taghhom, jigifieri u mhux kulhadd ....

***Imhallef A Lofaro :***
Surgenti hux?

***Ix-Xhud :***
Imma mhux jigifieri meta tghid…, mhux kulhadd kellu l-full compliment, jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Nofshom kellhom il-full compliment?

***Ix-Xhud :***
Iva, nahseb; nahseb li konna xi erbghin (40) ruh, xi haga inqas minn 40 ruh.

***Imhallef A Lofaro :***
Xi 40 ruh. Tista' tghidilna meta zdidtu mbaghad? Wara l-Panama Papers Ghandi radun?

***Ix-Xhud :***
Mas-Sur Cassar bdejna nizdiedu; jigifieri nahseb ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma wara l-Panama Papers bdejtu tizdiedu?

***Ix-Xhud :***
Mal-mument li beda jinqala' dan l-inkwiet bdejna nizdiedu. Jigifieri zdied ftit is-Sur Cassar. Issa s-Sur Cassar

***Imhallef J Said Pullicino :***
F' liema inkiwet ghidilna imma, ghax inkwiet hawn hafna

***Imhallef A Lofaro :***
Panama Papers hux?

***Imhallef J Said Pullicino :***
F' liema inkwiet?

***Ix-Xhud :***
Il-Panama Papers. Bdew hiergin il-Panama Papers, bdew ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U qabel..?

***Ix-Xhud :***
Jigifieri qed nitkellmu ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax inti ghedtilna ha nghidlek .. ..

***Ix-Xhud :***
…ara s-Sur Cassar telaq' f' Gunju - Lulju 2016 jekk minhiex sejjer zball. Hemmhekk kien ga zied il-compliment. Jigifieri sa Gunju 2016 li meta gie is-Sur Cassar, jien minghalija end of 2015 kien ga zdidilna ftit il-compliment is-Sur Cassar. Is-Sur Cutajar illum il-gurnata wkoll kien fehemha li ahna hemm demands kbar u baqa' ikompli jzid. Illum is-Sur Magri fehemha naqra iktra u qed izid hafna iktar. Ovvjament ghax ir-rizorsi qed jigu ixxifjati iktar ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dak iz-zmien, kellkom kemm kellkom ammont, dawn kienu mharrga ghal dan il-unit jew semplicement kienu Pulizija li gew assenjati lilkom?

***Ix-Xhud :***
Le qatt ma kien hemm; jigifieri ahna dejjem konna dejjem dak li jidhirlu li dawk li huma l-iktar kapaci ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux dik id-domanda. Jekk kellhomx training.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jekk kellhomx training.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kellhom training dawn jew le?

***Ix-Xhud :***
Skont ukoll x' tifhem bi training; mhux l-istess

***Imhallef A Lofaro :***
Iva ghidilna inti mela.

***Ix-Xhud :***
Ahna training ikollna regolari Sinjura, jigifieri jiena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sorry ta; training specjalizzat f' dan it-tip ta' xoghol; ma nahsibx li huwa training any ..

***Ix-Xhud :***
Jekk inti tghid ..

***Imhallef A Lofaro :***
Inhouse training.

***Ix-Xhud :***
Jekk inti tghid university graduates u x' tip ta' degrees kellhom, l-ispetturi kollha llum il-gurnata ilha minn meta kwazi dhalt jien li jrid ikollhom a university degree. Issa jekk tghidli jekk kienx in physiology jew in accountancy ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le imma inhouse training fuq is-settur taghkom kellhom?

***Ix-Xhud :***
Inhouse training, dak kollu li ahna kull invitation li ahna nircievu minn barra biex imorru specialize training ahna kwazi dejjem immorru. Jigifieri rarissimu li nfallu xi programmi ta' training; is-POL, il-Europol u affarijiet hekk. Imma programm specjalizzat li jien nista' nghid ara ejja naghti dan il-modules, biex niftehmu, lil kulhadd, le sa dak iz-zmien ma kellniex. U nista' nghid minn l-esperjenza tieghi, jiena hafna minn knowledge tieghi gibtu on the job, jigifieri..

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk? Iva.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri ....

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Semmejt il-Europol, Moneyval; intom bhala unit affiljati ma' units ohra barra minn Malta?

***Ix-Xhud :***
Iva ahna nahdmu hand in hand hafna mal-Europol jigifieri; bdejna mit-2003 mal-mument li Malta kienet diehla fl-Unjoni Ewropea li bdejna nibbenefikaw minn programmi ta' Eurupol u nixxerjaw informazzjoni u data mal Europol.

***Imhallef A Lofaro :***
…u kontu tikkoperaw ma’ xulxin.

***Ix-Xhud :***
U nikkoperaw jigifieri. Ahna ukoll membri, il-Europol ghandhom diversi dak li jissejhu ‘focal points’, fl-antik kienu jissejhu ‘analytical work files’, fejn ahna wkoll membri taghhom. Jigifieri per ezempju analytical work files fuq flus foloz, fuq attakki fuq ATMs, fuq money laundering, fuq kontrabandu, u fuq hacking u cyber-attacks. Dawn huma kollha suggetti. Qed nghid fil-linja tieghi ta. Ghax il-focal point tal-Europol ghandhom xi 25 wiehed, hafna minnhom huma hemm minnhom fuq drugs, jigifieri. Imma fil-unit tieghi nahseb li hemm xi sitta jew sebgha focal points li ahna ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Tibbenefikaw.

***Ix-Xhud :***
… nibbenefikaw u nikkontribwixxu. Jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma dak illum.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn dejjem, minn dejjem ta’ Sur Imhallef, minn dejjem.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Isma’, ghax issa dana passata history u x’ naf jien; x’ inhi r-relazzjoni taghkom bhala unit ma’ l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Mela r-relazzjoni taghna ma’ l-FIAU. Mela jiena liaison officer ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
….inti ghandek xi domanda qabel din?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghax kont ser nipprova naghmel id-domandi skont kif miexi l-Bord. Jigifieri l-ewwel staqsejna fuq ir-rizorsi, u xtaqt niccara c-chain of command li kellu. Ma nafx jekk fhitmx sew illi c-chain of command kien hemm zmien meta kienet is-Sur Abdilla, is-Sur Valletta u l-Kummissarju. Imbaghad dik tbidlet u saret is-Sur Abdilla, is-Sur Farrugia u l-Kummissarju..

***Ix-Xhud :***
Le le le, mhux hekk ghedt mhux hekk le..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela tista' tispjegali c-chain of command kif kienet?

***Ix-Xhud :***
Mela c-chain of command, mela ahna fil-Korp tal-Pulizija bhala ranks hemm Supretendent, Assistent Kummissarju, Deputat Kummissarju, u Kummissarju, sewwa? Jiena spjegajt li taht l-investigative services hemm diversi Dipartiment – is-CID, id-Drug Squad u l-Economic Crimes; insejt insemmi..,.mhux ghax x' jismu ta jigifieri, l-immigration u l-international relations; dawk. Dawk il-hames Dipartimenti, dawk jaqghu taht dak li ahna nsejhulu fl-istruttura tal-Pulizija investigative branches tal-Korp tal-Pulizija..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Pero` qed insaqsik ghax inti l-ewwel jekk fhimtek sew ghedt illi kien hemm zmien meta kontu tirrispondu lil AC tas-CID ..

***Ix-Xhud :***
Iva..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
.. li kien Silvio Valletta ..

***Ix-Xhud :***
Iva, u dejjem hekk kienet, hekk hu. Imbaghad ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela jekk kont tirrispondi lil AC Silvio Valletta, nixtieq insaqsik jekk dak iz-zmien li Silvio Valletta kien AC kienx ukoll il-membru tal-Bord ta' l-FIAU.

***Ix-Xhud :***
Ma nafx inwiegbek, ha nghidlek ghal liema raguni. Ghamel perjodu s-Sur Valletta kien AC, kien membrru tal-Bord ta' l-FIAU. Il-policy tal-Korp tal-Pulizija dejjem kienet ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux il-policy, il-policy ..

***Ix-Xhud :***
Le le, imma biex nispjegalek ftit li ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-fatti hawnhekk.

***Ix-Xhud :***
Jew ghal perjodu ta' zmien kienet li l-Economic Crimes u din kienet minn meta twaqqfet l-FIAU, ma konniex ha nkunu fuq il-Bord, fuq il-Bord ta' l-FIAU. Dik kienet ittiehdet decizjoni fl-antik mis-Sur Michael Cassar u nahseb li dak iz-zmien kien hemm is-Sur Rizzo, fejn minhabba li ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
…pre 2013

***Ix-Xhud :***
Ehe. Allura issa ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Silvio Valletta, inti kont tirrispondi lilu….

***Ix-Xhud :***
…. at one point kien hemm is-Sur Pierre Calleja li kien fuq il-Bord ta' l-FIAU. Is-Sur Silvio Valletta irriplejsja lis-Sur Pierre Calleja fuq il-Bord ta' l-FIAU. Sat-2013 is-Sur Pierre Calleja hemm kien ghadu. Ma nafx meta, minhiex cert ezatt meta telaq is-Sur Pierre Calleja, jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Xi 2014 nahseb?

***Ix-Xhud :***
2014 beginning of 2015 jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Nahseb li xi haga hekk, 2014

***Ix-Xhud :***
2014 - 2015 jigifieri ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta inti kont tirrispondi fil-konfront tas-Sur Valletta, is-Sur Valletta f' dak iz-zmien kien ukoll membru ta' l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Nahseb li iva; iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Tahseb li iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-ewwel staqsejtek jiena x' kienet ir-relazzjoni bejnkom u bejn l-FIAU? U kont bdejt tispjegah. X' inhi?

***Ix-Xhud :***
Iva, jiena liaison officer ma' l-FIAU jigifieri, ezatt irriplejsjajt lil Paul Vassallo. Paul Vassallo kien il-liaison officer ta' l-FIAU qabel ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti bhala liaison officer kont.

***Ix-Xhud :***
Jiena bhala liaison officer ma' l-FIAU ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe. U l-funzjoni tieghek kienet…?

***Ix-Xhud :***
Il-funzjoni tieghi ta' liaison officer hija li informazzjoni li ahna jkollna bzonn minn l-FIAU dejjem ikun hemm point of contact; jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri kont tkun prezenti ghal laqghat taghhom?

***Ix-Xhud :***
Le ta, mhux laqghat tal-Bord

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed nistaqsik jien.

***Ix-Xhud :***
Jiena qatt ma mort fil-Bord ta' l-FIAU, minhiex parti mill-Bord, qatt ma kont mistieden; jigifieri qatt. Bhala liaison officer it's a more day-to-day operational work.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri jekk qed nifhem tajjeb intom kontu tagixxu indipendentement minn l-FIAU ..

***Ix-Xhud :***
Iva mela..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva. Ahna ma nafu xejn. Qed nistaqsuk. Jigifieri kont qed tindaga inti bhala Economic Crimes Unit, kont tiehu l-informazzjoni jekk hemm bzonn minn l-FIAU, u kontu tqassmu – tiskambjaw informazzjoni skont kif ikun hemm bzonn, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Iva iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` intom kontu indipendenti fl-investigazzjoni taghkom.

***Ix-Xhud :***
Ahna dejjem indipendenti minn l-FIAU.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dejjem indipendenti; tajjeb..

***Ix-Xhud :***
U ghadna sal-lum hekk.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U tiehdu l-azzjonijiet intom meta jidhrilkom …

***Ix-Xhud :***
Pardon

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kontu tiehdu azzjoni intom meta jghidulkom li hemm li huwa l-kaz li tiehdu azzjoni.

***Ix-Xhud :***
Le ahna minn l-FIAU nircievu r-rapporti ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa kont gej ghalihom

***Ix-Xhud :***
Ma jkollniex, l-FIAO qatt ma jaghtu ordni lill-Pulizija, jigifieri mhux ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqblu. Fuq dan qed naqblu wkoll. Jigifieri l-FIAU taghmel ir-rapporti u tibghatilkom fejn ikun il-kaz ..

***Ix-Xhud :***
Fost nies ohra Sur Imhallef ta jigifieri

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva, imma lilkom jibghtuhomkom bhala Economic Crimes Unit.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-FIAU nifhem li qieghda hemm biex tikkontrolla l-finanzi, il-manuvri tal-finazni, hux hekk? Jigifieri bilfors ..

***Ix-Xhud :***
Le l-FIAU qieghda hemm biex tircievi STRs, jigifieri suspicions transaction reports.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva; jekk ghandha suspett ta' delitt tibaghtu ghandkom b' rapport.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U minn dawk kontu tircievu rapporti.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bejn it-2013 u 2016 x' ircievjtu bhala rapporti? Minn l-FIAU issa. B' indikazzjoni li jista' ikun hemm kaz fejn intom tmexxu.

***Ix-Xhud :***
Ezatti l-ammonti ezatt ma nafhomx Sur Imhallef. Roughly roughly, ghax in-numri dejjem zdiedu; jigifieri kostentament qed jizdiedu ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…..2013, jekk mintix preparat, ifhimni. Jekk inti ..

***Ix-Xhud :***
2013 ma nistax nghid Sur Imhallef ghax jien ma kontx jien il-liaison officer fit-..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghadek il-kap tal x’ jismu.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela jekk inti mintix preparat li tirrispondi ghal dawn id-domanda f’ dan il-perjodu ma jimpurtax, take your time. Nergghu niltaqghu darb’ ohra u tihomna; pero` dawn huma d-dettalji....

***Ix-Xhud :***
Le imma nista’ nigwida ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dawn huma dettalji li ghandna bzonnhom, tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Ehe, u jezistu ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kemm ircivejtu. Ha nghidlek, kemm ircivejtu, kemm, x’ inhi n-nautra ta’ dawk ir-rapporti li rcivejtu, u x’ azzjoni hadtu fuq dawk ir-rapporti. Tajjeb? Dawn ghandna bzonnhom.

***Ix-Xhud :***
Mela ha nispjega .

***Prof Ian Refalo :***
……jispjega ir-rapport …

***Ix-Xhud :***
Ha nispjega in generali.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Avukat, jiena qed nghidlu mhux biex jaghtina l-informazzjoni hawn fl-Awla, tajjeb?  Li jkun preparat bl-informazzjoni; imbaghad jekk jkollna bzonn insaqsuh.

***Ix-Xhud :***
Nista' nispjegalek.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda jridu jsiru indipendentement mis-sigrieti.

***Prof Ian Refalo :***
…imma..

***Imhallef J Said Pullicino :***
S' hemmhekk.

***Ix-Xhud :***
Ha nispjega generali imbaghad jekk ikollok bzonn..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna l-Bord mhux ser jippregudika lil hadd, fthemna? Pero` l-funzjoni li ghandu skont it-termini ta' referenza jrid jaghmilhom; u dawka hemm certi fatti li jridu johorgu ghal fini ta' l-ikjesta; daqshekk hu.

***Prof Ian Refalo :***
Imma ma jistghux johorgu fatti fuq inkjesti specifici.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ovvjament mhux ser nipprogudikah, lanqas insaqsih.

***Prof Ian Refalo :***
….pregudikat ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Lanqas jistaqsih il-Bord jekk humiex qed isiru inkjesti jew le….

***Prof Ian Refalo :***
….affarijiet ohra illi ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le le, pero` ifhimni ...

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Naghmluha cara Profs, il-Bord ghandu l-fakolta` li jinsisti illi jinghata informazzjoni dwar investigazzjoni specifici; naghmluha cara, all right? Ghandu. F' dan il-kaz jekk jirrekjedi din l-informazzjoni ahna nitolbu li ssir bil-maghluq. Imma ghandu l-poter li jistaqsi ghadl dik l-informazzjoni.

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt; u ghandna bzonn li nkunu nafu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ha naghmluha cara. Ok?

***Imhallef A Lofaro :***
Inkella ghalxejn qeghdin hawn hux!

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inkella ghalxejn qeghdin hawn

***Imhallef A Lofaro :***
Inkella ghalxejn qeghdin hawn biex ha noqghod nghidu ma nistghux ma nistghux!

***Prof Ian Refalo :***
M’ ghandu l-ebda problema ix-xhud.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ok.

***Prof Ian Refalo :***
Jien sakemm tkun imnizzla u …lanqas problema ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghax ahna s-sigriet professjonali qieghed f’ idejn l-avukati; il-konfessjonarju u l-editur a …. tieghu; il-bqija ma jezistix il-konfessjonarju.

***Imhallef A Lofaro :***
Xi konfessur jew qassis; qatt ma smajta din. Qatt.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela fejn konna qed insaqsu?

***Ix-Xhud :***
Mela n-numru ezatt biex.. ukoll halli ma nizgwidax il-Qorti. Ir-rapport illi l-FIAU jibaghtu numru ta’ rapporti ezatt li jibaghtu l-FIAU lill-Pulizija qeghdin fl-annual report ta’ l-FIAU. Fuq il website ta’ l-FIAU ha jkollok in-numru precizi; ghax jien lanqas nista’ nghidlek 50, 20; u tghidli imma mhux 50 taf kien hemm, imma kien hemm 55! Jigifieri dak in-numru huwa preciz. In-natura tal- ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Meta jibghatulkom ir-rapport bhala regola jkollu rakkomandazzjoni jew indikazzjoni li hemm materjal biex intom tinvestigaw ulterjorment?

***Ix-Xhud :***
Dejjem hekk ikun.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dejjem hekk ikun.

***Ix-Xhud :***
Le le, ir-rapport anke jekk jibaghtu karta wahda b' informazzjoni, id- discloser fil-qiegh dejjem tkun li din l-informazzjoni qed tinghata minhabba money laundering for ghax huma jissuspettaw li hemm kaz ta' money laundering. Jigifieri u fuq ir-rapporti ta' l-FIAU, ghax inti staqsejt fuq in-natura taghhom, in-natura ivarjaw, jigifieri hemm minn kazijiet relatati ma' drogi. Kazijiet relatati ma' korruzzjoni, ma' frodi. Kazijiet relatati ma' traffikar uman – human beings; relatati ma' serq, relatati ma' sanctions, relatati ma' terrorizmu. Jigifieri l-istess, fuq il-website fuq ir-rapporti annwali li johorgu l-FIAU hemm spjegat kull sena x' tip ta' rapport, kemm ir-rapport intbaghat u n-natura ta' dak ir-rapport.

***Imhallef A Lofaro :***
Sur Abdilla hu naqra pacenzja bina. Hemm bzonn tkun iktar konciz fir-risposta tieghek.

***Ix-Xhud :***
Mela le Sinjura.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax qed jinhela hafna hin prezzjuz ta. Hu pacenzja nkunu naqra koncizi. Ha jaghmillek domanda ic-Chairman please.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fir-rwol tieghek bhala liaison officer bejn l-FIAU u l-unit taghkom, inti kien ikollok kuntatt ma' l-addett tal-Pulizija fuq l-FIAU mas-Supretendent li jkun qiegehd hemmhekk mal-Bord?

***Imhallef A Lofaro :***
Nitolbok tkun konciz. Kunt straight to the point please.

***Ix-Xhud :***
Le le, jiena liaison officer jigifieri ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Voldieri inti kien ikollok kuntatt dirett.

***Ix-Xhud :***
Ma jezistix liaison officer fil-Pulizija. Jigifieri jiena l-liaison officer tal-Pulizija ghal l- FIAU

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal l-FIAU.

***Imhallef A Lofaro :***
Inti mela.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa fuq l- FIAU nafu li kien ikun hemm Supretendent fuq il-Bord.

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa inti kien ikollok kuntatt ma' dan is-Supretendent kien min kien?

***Ix-Xhud :***
Il-membru tal-Bord min-naha tal-Korp tal-Pulizija..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Min-naha ta' l-FIAU

***Ix-Xhud :***
Min-naha tal-Korp tal-Pulizija kien is-sur .., meta kien is-Sur Silvio Valletta kien id-direct superior tieghi; jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mela kien hemm il-komunikazzjoni diretta. Hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Jigifieri ovvjament dak li kien jigi diskuss at board level jiena ma kontx inkun nafu, jigifieri u nahseb qatt ma ddiskutejtu ma hadd. U qatt ma hadd iddiskutieh mieghi. Imma sakemm ma riedx ikollu bzonn xi forsi xi advice jew xi haga. Imma investigazzjonijiet bhala direct superior tieghi, hu kien id-direct superior tieghi f' dak il-perjodu j ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri kien hemm.

***Ix-Xhud :***
Kont nghidlu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jahasra iva jew le.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
…. mieghu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Biex naghmilha itkar facli lix-xhud; jigifieri ahna nifhmu illi Silvio Valletta meta kien membru tal-Bord ta' l-FIAU kien is-superjur dirett tieghek b' tali mod illi jekk inti tircievi rapport minn l-FIAU u ftaht file, is-Sur Valletta jkun jaf x' qed taghmel inti fuq dak il-file.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Bilfors.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghax tirrispondi lilu.

***Ix-Xhud :***
Jiena nirrispondi lilu ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Qed nifhmu sew, le?

***Ix-Xhud :***
Ftit kienu dawk l-okkazjonijiet imma jiena kont noqghdu nghidlu - rcivejna file!..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma qed nifhmu sew jew le?

***Ix-Xhud :***
Iva. Teknikament iva; teknikament iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva ok. Next question; ghax ha ndumu wisq.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Issa ghedtilna li hemm hafna rapporti minn l-FIAU lilkom u dawn pubblikati. Nixtiequ li nkunu nafu 2013 - 2016 liema huma dawk ir-rapporti rigward allegazzjonijiet fuq l-amministrazzjoni pubblika, mhux fuq l-individwi privati, fuq l-amministrazzjoni pubblika, li ricivejtu. Ghax dawka pubblici zgur; suppost li nkunu nafu ahna. M' hemmx ghalfejn nghidu sigrieti; ghax dika ghalhekk qeghdin hawn. Liema huma dawk li fuqhom ircivejtu intom rapport ta' l-FIAU pubblika.

***Ix-Xhud :***

Fuq l-amministrazzjoni pubblika.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Pubblikia.

***Ix-Xhud :***

Nahseb qatt Sur Imhallef ..

***Imhallef J Said Pullicino :***

Qatt? Qatt.

***Ix-Xhud :***

Ma nahsibx li l-FIAU, di memorja, issa inti staqsejtni data specifika minn 2013 …

***Imhallef J Said Pullicino :***

…sat-2016

***Ix-Xhud :***..

sat 2016. Issa ftakar, li jiena fit-2013, 14, sa nofs sa kwazi nofs il-15 jiena kont ghadni spettur l-Economic Crimes

***Imhallef J Said Pullicino :***

Jekk ma tafx fil-kaz ghidilna.

***Ix-Xhud :***

Jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***

Jigifieri ma kontx? Li taf inti.

***Ix-Xhud :***

Le le, liaison officer dak iz-zmien ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kontx tkun taf.

***Ix-Xhud :***
…kien is-Sur ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tista' ittina din l-informazzjoni ghal darb' ohra?

***Ix-Xhud :***
…is-Sur Paul Vassallo. Imma jiena di memorja ta; u anke li nisma' l-kollegi tieghi jitkellmu, ma nahsibx li l-FIAU qatt ghamlet rapport per ezempju fuq il-Ministeru tal-Finanzi, ha biex niftehmu ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
….fuq l-isptarijiet, fuq il- kuntratt ta' l-isptarijiet.

***Imhallef A Lofaro :***
…lets stick to the subject please ta.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fuq l-isptarijiet, jiena u fuq il-Pilatus. Jiena ha nsemmihomlok hekk issa .

***Ix-Xhud :***
Ghax inti semmejt amministrazzjoni pubblika. Pulatus mhix amministrazzjoni pubblika.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Stenna stenna forsi zbalajt jiena; x' tifhem inti b' amministrazzjoni pubblika? Ghax ha niftehmu li qed niftehmu issa. Naghmillek ix-xoghol iktar facli. L-amministrazzjoni pubblika fis-sens dawk l-allegazzjoniijet kollha li saru generalment, tajbin, hziena, foloz, whatever they are, li jolqtu b' xi mod l-amministrazzjoni pubblika. Jigifieri individwi li b' xi mod kienu imdahhlin ma' l-amministrazzjoni pubblika u spiccaw dawn fi storja kbira jew zghira ma' l-amministrazzjoni. Dawk li rridu inkunu nafu; liema huma dawn ir-rapporti li wiehed jghidlek ..

***Ix-Xhud :***
Kellna. Imma jiena Sur Imhallef, jiena marbut bis-sigriet ta' l-FIAU bhala liaison officer jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…ta' l- FIAU ezentajnihom mis-sigriet; issa ghidilna.

***Imhallef A Lofaro :***
U ha nezentaw lilek ukoll ok. Nezentawk.

***Ix-Xhud :***
Fil-kaz fil-maghluq Sur Imhallef, skuzani.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed nistaqsik ghal dawk li huma ma' l-amministrazzjoni pubblika, mhux minn persuni privati, tajjeb? Li missew l-amministrazzjoni pubblika. Jekk inti trid tghidilna dawn l-affarijiet fil-maghluq ghidilna. Imbaghad naraw ahna x' naghzlu mill-maghluq u mill-miftuh.

***Ix-Xhud :***
Jiena nippreferi certu dettalji Sur Imhallef nghidhom fil-maghluq.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela b' mod generali, meta l-FIAU jibaghtu rapport min jircevih? Inti ..

***Ix-Xhud :***
Jiena .

***Chairman Imhallef M Mallia :***
….. jew il-Kummissarju tal-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
No. Hu jkun indirizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija, imma jiena bhala liaison officer

***Imhallef A Lofaro :***
Inti.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Tiehdu f' idejk.

***Ix-Xhud :***
Niehdu f' idejja.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U inti twasslu ghand il-Kummissarju.

***Ix-Xhud :***
Le ta'; il-Kummissarju, il-Kummissarju tal-Pulizija fizikament mhux ser intihulu jigifieri. Jiena bhala ....

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ha tghidlu bih?

***Ix-Xhud :***
Le; rarissimu ta' Sinjura

***Imhallef A Lofaro :***
Le?

***Ix-Xhud :***
Le le; fis-sens bhala liaison officer ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti tircevih u inti tagixxi fuqu.

***Ix-Xhud :***
Nircevih jien. Hafna drabi fizikament immur nippikkjah by hand jien. Jigifieri ghax issa bdejna sistema ta' emails. Jigifieri imma f' dak il-perjodu kien ikun hemm a physical binded document li jiena kont immur nippikkjah fizikament jien; jigifieri u niftah l-investigazzjoni jiena jigifieri mill-ewwel.

***Imhallef A Lofaro :***
